MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 26/2018 LM

**Western Company Ltd (C 19994)**
*('Ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Philip Muscat (K.I. nru. 132660(M))**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Western Company Ltd (C 19994)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet ir-rikors tagħha fil-konfront tal-intimat **Philip Muscat (K.I. nru. 132660(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu fejn dawn kienu jirrigwardaw ħlas jew ħlas żejjed, iżda wkoll ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà appellanta peress li dawn ma ġewx sodisfaċentement ippruvati. Iddeċidiet ukoll li l-ispejjeż kellhom jitħallsu bejn il-partijiet f'porzjonijiet indaqs.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwarda l-bejgħ ta' vettura tal-għamla Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni LOR-332 mis-soċjetà appellanta lill-appellat. Is-soċjetà appellanta qegħda tikkontendi li l-appellat naqas milli jagħmel il-pagamenti kollha skont il-ftehim ta' bejniethom tal-10 ta' Lulju, 2004[1], iżda l-appellat isostni li huwa saħansitra ħallas iktar minn dak dovut.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fil-15 ta' Frar, 2018 fejn ħarrket lill-appellat sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

> *"Thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlettax-il elf, sitt mija u ħames u tletin Ewro (€13,635) prezz ta' vetura Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni LOR 332 mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' April 2015 u l-mandat ta' sekwestru 185/18 u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni."*

[1] Dok. A *a fol.* 22 tal-atti tal-ewwel Qorti.

4. L-appellat eċċepixxa s-segwenti:

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut;*
*2. Illi semmai kif għandu wkoll jirriżulta sar ħlas żejjed li għandu jiġi rifuż lill-esponenti;*
*3. B'riżerva għall-eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż tal-mandat indikat, kontra l-istess s-Soċjetà attriċi."*

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidrat:***

*Fil-kuntratt oriġinali eżebit a fol. 9 (Dokument WC1) jirriżulta li l-konvenut kellu jħallas is-somma ta' Lm9,800 b'pagamenti mensili ta' Lm100 kull wiehed għal 120 xahar. B'hekk il-prezz tal-vettura (bl-imgħaxijiet) kien ser ikun b'kollox Lm12,000 (jew €27,952.44). Is-soċjetà attriċi tgħid li però hemm imgħaxijiet ta' 4.18%. Il-Qorti ma ngħatat ebda spjegazzjoni ta' kif l-attriċi waslet għal din ir-rata ta' imgħax. Li huwa żgur però, li fis-somma ta' Lm100 fix-xahar, kien hemm <u>inklużi</u> imgħaxijiet miftehma bejn il-partijiet – tant li l-prezz, wara għaxar snin, kien ser ikun Lm12,000 minflok Lm9,800. Dan ifisser li sal-10 ta' Lulju 2014, il-kontendenti kienu ftehmu dwar il-ħlas sħiħ, b'kwalunkwe imgħaxijiet, fis-somma sħiħa ta' Lm12,000 pagabbli b'rati mensili ta' Lm100. Li ġara huwa l-konvenut jgħid li huwa ħallas dan l-ammont sħiħ, anzi, ħallas aktar minn hekk.*

*Fin-notamenti tiegħu, fil-fatt, il-konvenut jgħid li huwa ħallas is-somma ta' €8,999.47 f'pagamenti għall-vettura Toyota Corsa li imbagħad, skont hu, partat (in parte) mal-prezz tal-vettura mertu ta' din il-kawża, kif ukoll is-somma ta' €21,302.90 għall-vettura Toyota Hilux.*

*Il-konvenut għalhekk jikkontendi li, ġjaladarba l-vettura Toyota Corsa kienet ġiet stmata Lm4,000 (ossija €9,317.48), dan kellu jitnaqqas mill-prezz sħiħ tal-vettura l-oħra, Toyota Hilux. Madankollu, dan ma jingħad imkien ħlief minn kliem il-konvenut. Mhux hekk biss, imma jekk allura, il-konvenut kien ftiehem dwar tnaqqis fil-prezz ta'*

*Lm4,000 b'tpartit mat-Toyota Corsa, wieħed jifhem li l-konvenut kien imqar iġib xi forma ta' riċevuta, jew reviżjoni tal-bilanċ dovut – u mhux jistrieħ biss fuq dak li jaf hu, u possibilment xi ħaddiem tas-soċjetà attriċi.*

*Madankollu, anke fil-verżjonijiet u kalkoli tas-soċjetà attriċi hemm kwistjonijiet li din il-Qorti ma tistax tifhem. Fil-kuntratt jingħad ċar u tond li l-pagamenti għandhom ikunu ta' Lm100 mensilment u li din tkun tinkorpora, skont l-istess ftehim, l-imgħaxijiet mifthema bejn il-kontendenti. Li kieku l-prezz tal-vettura (Lm9,800) ma kienx jinkorpora imgħaxijiet, fuq għaxar snin, il-pagament mensili kien ikun ta' €190.23 u mhux €232.94. B'hekk f'kull pagament, skont il-ftehim tal-2004, kien hemm element ta' imgħax medju ta' €42.71 – u dan għal 120 xahar. B'hekk, wara għaxar snin, il-konvenut ikun ħallas is-somma ta' €5,124.84 f'imgħaxijiet ekwivalenti proprju għal Lm2,200 (ossija d-differenza bejn il-prezz ta' Lm9,800 u s-somma ta' Lm12,000 – miftehma bejn il-kontendenti). Jidher però, li sal-61 pagament – li skont l-attriċi huwa l-aħħar pagament li għamel il-konvenut – l-element tal-imgħax kien ġjà tela' għal aktar minn €3,800, prattikament tliet kwarti ta' dak li kien miftiehem li għandu jitħallas skont il-kuntratt tal-2004, Jekk, kif tgħid l-attriċi, il-61 pagament kien l-aħħar wieħed, dan ifisser li kien għad fadallu 59 pagament ieħor – u għalhekk il-konvenut kien wasal nofs triq.*

*Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-dokument CB7 eżebit mir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti fejn dan jgħid li hemmhekk, il-konvenut kien aċċetta u qabel li l-bilanċ dovut huwa proprju dak mitlub fil-kawża odjerna, ossija s-somma ta' €13,635. Dan id-dokument jidher firmat mill-konvenut Philip Muscat, iżda jidher li fih il-pinna wkoll ta' persuna oħra. Ħadd mill-kontendenti ma jispjega wisq dan id-dokument. Li jirriżulta lill-Qorti, però, huwa li kif jgħid id-dokument innifsu, dan sar fit-22 ta' Mejju 2009. Madankollu, jidher li f'Mejju 2009, skont id-dokument preżentat ukoll mir-rikorrenti il-bilanċ dovut kien ta' €15,360.59 u mhux madwar elfejn Euro inqas! (fn. 3 Dok. CB6, fol. 26)*

*Issa kien ikun ferm aktar ta' għajnuna, ghal din il-Qorti, li kieku l-partijiet, flimkien identifikaw il-pagamenti kollha li effettwa l-konvenut Philip Muscat peress li, minn dak li tista' tara din il-Qorti, fosthom mid-dokumenti eżebiti mill-Bank of Valletta, il-konvenut effettwa ferm aktar ħlasijiet minn dawk reġistrati mis-soċjetà attriċi.*

*Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-aħjar prova (skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u li din il-prova tkun waħda konkreta ta' dak li qed jallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013).*

*Il-Qrati tagħna jgħallmu li* "[i]l-konflitti ta' provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-

dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, **għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant**" *(**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tgħid li* "[f]il-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet." *Verament, fil-kawżi ċivili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),"*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". *(Ara l-istess prinċipju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**, PA (PS) 28 ta' April 2003).*

*Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet. Imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**,* Appell, *5 ta' Marzu 1986). Meta mbagħad dik iċ-ċertezza ma tirriżultax a bazi tal-preponderanza tal-provi miġjuba fil-kawża, mel'allura l-ġudikant isib ruħu jdejh marbuta li japplika il-prinċipju tal-*in dubio pro reo *u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Fis-sentenza tagħha **Adam Bugeja vs Charles Falzon et** (23.10.2013) il-Qorti tisħaq li meta ż-żewġ verżjonijiet ikunu kapaċi jitqiesu ugwalment plawsibbli u veritiera, "*ma jistax jingħad li tirriżulta dik iċ-ċirkostanza determinanti li tissoda l-konvinċiment tal-Qorti favur teżi u mhux l-oħra. *L-istess japplika f'każ meta l-Qorti tkun affaċjata b'żewġ verżjonijiet li kapaċi jitqiesu ugwalment mhux kredibbli. F'tali sitwazzjonijiet* "ma jibqax leċitu għall-ġudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jeħtieġlu jasal biss għall-konklużjoni li l-attur ma jkunx sodisfaċentement u konkludentement ipprova t-talbiet tiegħu. Actor non probante, reus absolvitur" *(**Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat**, PA, 22 ta' Novembru 1995; **Enrico Camilleri vs Martis Borg**, App. Inf, (PS), 17 ta' Marzu 2003).*

*Din il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi ma ġibitx prova li moralment tikkonvinċi lil din il-Qorti li hija għandha tiġbor is-somma reklamata minnha, u dan anke minħabba d-*

*dokumentazzjoni u l-ispjega mogħtija mill-konvenut innifsu, li baqa' mhux kontroeżaminat.*

*Anke dan il-fatt iġib il-konsegwenzi ġuridiċi tiegħu. Kif jgħallmu l-Qrati tagħna, meta persuna tibqa' mhux kontroeżaminata kontradetta b'xhieda oħra, dan ifisser li l-verżjoni mogħtija minn dak ix-xhud tkun baqgħet mhux kontradetta fl-atti "*lanqas fil-minimu tagħha*" (fn. 4 Saviour Ellul vs Vincent Dalli, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (JZM) deċiża fit-30 ta' Mejju 2017)*

*Għandu jingħad li l-proċess tal-kontro-eżami huwa li,* "a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible *" (fn. 5 Peter Murphy on Evidence, 7th ed. 2000, p. 509).*

*L-awtur* ***G. D. Nokes*** *(fn. 6 An introduction to Evidence, 7th ed. 2000, p.509) jgħid li* "Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness […] it is designed to test the accuracy of the witness's evidence […] cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation."

*L-importanza li jsir kontro-eżami hu spjegat minn* ***Ian Dennis*** *(fn. 7 Law of Evidence, Sweet & Maxwell, 4th Ed., 2010, p. 596) f'dawn it-termini:* "The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake." *Issa, abbinat ma' dan, insibu ritenut li,* "Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine […] Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant

matters, or would be so able, given the truth of counsel's case" *(fn. 8 Peter Murphy, op. cit., p. 511)*.

*L-istess hu l-ħsieb tal-awtur imsemmi fejn jirrimarka illi,* "failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202]*(fn. 9 G.D. Nokes, op cit., p.407) ".*

*Huwa minnu li dawn iċ-ċitazzjonijiet aktar 'il fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, però din il-Qorti tqis, hekk kif ġjà qiesu l-Qrati Maltin, li dawn japplikaw għall-ordinament Malti.*

*Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (fn. 10 Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta] kien modellat, fil-gran parti tiegħu, fuq in-normi proċedurali Anglo-Sassoni, normi illi ġew imħaddna fl-ordinament tagħna fi żmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku. Fil-fatt fil-monografija* "Storia della Legislazione in Malta"*, l-ġurista eminenti Malti Paolo De Bono (Malta, 1897) ifisser li taħt l-Imperu Ingliż, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi*, "Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825." *(p.322). (fn. 11 Importanti ferm illi l-imsemmi awtur,* f'footnote *għal din l-aħħar kwotazzjoni, jgħid inter alia, hekk*: "Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi e in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettera del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). E' un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso" *(pp.322-323).*

*Anke fis-sentenzi* ***Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guzé Abela*** *(fn. 12 Deċiża fis-27 ta' April 1993, PA (S.T.O., J.S. Pullicino) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet referenza ampja għad-duttrina Ingliża għal dak li għandu x'jaqsam mal-*law of evidence *relattivi għax-xhieda. Fis-sentenza ġie kwotat, l-awtur Peter Murphy, hawn fuq ġjà ċitat, "*Modern Law of Evidence*" (2nd edition) ta' Adrian Keane u l-"Cross on Evidence" (2nd Australian edition). Aktar reċentement, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet* ***Michael Agius vs. Rita Caruana*** *(fn. 13 Ara digriet kamerali mogħti fl-10 ta' Marzu 2011 mill-Onor. Imħ. J.R. Micallef) għamlet referenza ampja għar-regoli ta' evidenza Ingliżi f'dak li jirrelata ma' produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju tagħha. Dan juri li referenza għandha ssir lejn il-prinċipji regolaturi Ingliżi fuq it-tematika tad-dritt proċedurali relattivi għall-provi u x-xhieda fil-qasam ċivili.*

*Naturalment dan ma jfissirx li dak li jgħid il-konvenut għandu jittieħed bħala xi fatt sakrosant – iżda merament li l-attriċi għażlet li ma tikkontradixxix il-verżjoni mogħtija minnu. Jispetta għal din il-Qorti issa tqis, fuq il-preponderanza tal-provi, jekk il-verżjoni tal-konvenut, allura, għandhiex tittieħed bħala dik korretta.*

*Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li dak li qed jeċċepixxi l-konvenut, essenzjalment, huwa l-ħlas. Hu paċifikament stabbilit, li sabiex l-eċċezzjoni tal-ħlas tkun ta' suċċess għall-parti li teċċepiha, il-prova tal-ħlas trid tkun ċara u inekwivoka.*

*Fis-sentenza* ***Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio*** *(deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (MCH) fil-5 ta' Ottubru 2016) jingħad hekk:*

> Hu fatt li hemm verżjoni konfliġġenti mill-kontendenti jekk il-ħlas tad-debitu aċċettat seħħx jew le. Kif qalet il-Qorti fil-kawża **Mercury Investments Limited vs Roberta Grech** deċiża fil-21 ta' April 2016 liema sentenza nisslet il-prinċipju applikabbli f'każ ta' allegazzjoni ta' kreditu u eċċezzjoni ta' ħlas:
>
> Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (fn. 14 Ara, per eżempju, PA NC 28/04/2004 fil-kawża fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et)**. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra ma għandhiex tbati minn tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (fn. 15 Ara, per eżempju, PA LFS 18/05/2009 fil-kawża fl-ismijiet **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.)**. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (fn. 16 App 19/06/2006 fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe)**. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (fn. 17 App Inf 09/01/2008 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)**;
>
> Illi tajjeb li wieħed iżomm ukoll quddiem għajnejh li d-difiża tal-imħarrka f'din il-kawża tissejjes fuq l-eċċezzjoni tal-ħlas imwettaq ("exceptio soluti");

Illi huwa magħruf li eċċezzjoni bħal din hija waħda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jagħżel biex jeħles minn talba tal-kreditur tiegħu għall-ħlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eċċezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq tagħha min-naħa tad-debitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-ħlas huwa wieħed mill-modi magħrufa mil-liġi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ħlas, jekk tirnexxi, ġġib magħha ċ-ċaħda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti għall-ħlas (jiġifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). **Minħabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima proċedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tircevih** (*fn. 18 PA 14/03/1957 fil-kawża fl-ismijiet **Zammit vs Montanaro Gauci noe et** (Kollez. Vol: XLI.ii.930) fn. 19 Enfasi ta' din il-Qorti)*

**Illi meta d-debitur jallega l-ħlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissodisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-riċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ. Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas** *(fn. 20 PA 23/02/1965 fil-kawża fl-ismijiet **Darmanin vs Muscat** (Kollez. Vol: XLIX.ii.776) u App. Ċiv. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet Chetcuti et vs Pearson et noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.317 a fol. 322-3) fn. 21 Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza hawn fuq ċitata (fn. 22 Deċiża fis-17 ta' Marzu 2022) dik il-Qorti tgħallem hekk:*

16. Għandu jiġi osservat li, skont il-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fir-rigward tal-materja ta' provi, jingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta" – (Ara **Vol.XXXVII/i/577**, kif ukoll is-sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tajjeb jingħad li l-ewwel oneru tal-

prova kien jispetta lill-attriċi li tipprova l-kreditu tagħha, iżda l-piż tal-prova tal-pagament jaqa' fuq id-debitur li jallegah, f'dan il-każ il-konvenut.

17. Inoltre, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri**:

"Fil-ġurisprudenza tagħna dejjem ġie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew tal-eċċessività tal-kreditu reklamat kienu ċertament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti (**Vol. XLIX P II p 776**). Fid-dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta, għandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma tħallasx (**Vol. XXXVII P I p 525**), jekk ma jiġix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-każ – b'mezzi oħra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV P III p 604**; **Desmond Mizzi noe -vs- Patrick Filletti pro et noe**, Appell, 28 ta' Jannar 2000).

13. Insibu wkoll li:

Essenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-prinċipju [recte: tal-prinċipju] illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-każ taħt eżami il-qofol tal-mertu hu l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine illi huma ħallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeċċepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvinċenti u konklussiv." *(fn. 23 Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe, Qorti tal-Appell, deċiża fil-5 ta' Ottubru 1998)*

Relevanti wkoll hija l-ġabra ta' ġurisprudenza, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg nomine v. Norman Buckle nomine et**, ikkonfermata minn din il-Qorti fil-prinċipju li, il-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur."

*Applikati l-prinċipji t'hawn fuq għall-każ in eżami, din il-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux iġib prova suffiċjenti in sostenn tal-eċċezzjoni tal-ħlas tiegħu. Għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni mqanqla minnu ma għandha tintlaqa'.*

*Konsegwentement din il-Qorti sejra tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut in kwantu dawn jirrigwardjaw il-ħlas tal-kreditu, iżda sejra tiċħad ukoll it-talbiet tas-soċjetà attriċi in kwantu dawn ma ġewx sodisfaċentement ipprovati"*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' Ottubru, 2022, fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tikkanċella s-

sentenza appellata u b'hekk tilqa' it-talbiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li hija ma kinitx ressqet l-aħjar prova; u (ii) l-ewwel Qorti ddeċidiet li ġaladarba ma sarx kontro-eżami tal-appellat, ix-xhieda tiegħu kienet ġiet aċċettata mis-soċjetà appellata.

7. L-appellat wieġeb fis-7 ta' Frar, 2023, fejn issottometta li l-appell interpost mis-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kollha kontriha, għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

9. <u>L-ewwel aggravju</u> tas-soċjetà appellanta huwa li l-ewwel Qorti kkonkludiet li hija ma kinitx ressqet l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi. Tispjega kif kien tela' jixhed id-direttur tagħha, fejn dan esebixxa rendikont ta' kif hija kienet waslet għall-ammont pretiż. Tgħid li ġiet esebita wkoll dikjarazzjoni ffirmata tal-appellat, fejn dan ammetta li huwa kellu jagħti ammont li kien l-istess indikat fir-rikors promotur, u fl-ebda ħin l-istess appellat ma kien ikkontestah billi qal li l-firma ma kinitx tiegħu jew talab għan-nomina ta' espert kaligrafiku. Is-soċjetà appellanta hawnhekk tikkontendi wkoll li l-kap tal-ispejjeż kellu jirrifletti l-ħela ta' ħin li kkawża l-appellat. Tispjega li l-proċeduri odjerni kienu diġà ġew deċiżi

favuriha meta l-appellat naqas milli jidher, u anki milli jressaq provi. Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-appellat ma kienx irnexxielu jressaq provi dwar dak li huwa kien allegatament ħallas, u wara li ammetta li huwa kien debitur, fil-proċeduri odjerni ttenta jaħrab l-obbligi tiegħu, u għalhekk tistqarr li ċertament ma kienx ser jikkopera magħha sabiex jiġi stabbilit liema kienu l-pagamenti li saru. Hawnhekk is-soċjetà appellanta tiċċita estensivament mis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Advertising Limited (C 27689) *vs.* Tano Farrugia u martu Fiona Farrugia** deċiża fit-30 ta' Novembru, 2011. Tikkontendi li ġaladarba kienet ressqet provi li fuq bażi ta' probabbiltajiet hija kienet kreditriċi, l-oneru tal-prova mbagħad waqa' fuq l-appellat, iżda madankollu dan falla, tant li l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tiegħu. Għal dak li jirrigwarda ir-rendikont esebit minnha, is-soċjetà appellanta tissottometti li l-ewwel Qorti dejjem setgħet tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u/jew taħtar espert komputista minn jeddha. Is-soċjetà appellanta tispjega li t-<u>tieni aggravju</u> tagħha huwa li l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li ġaladarba ma sarx kontro-eżami tal-appellat, dan kien ifisser li x-xhieda tiegħu ġiet aċċettata mis-soċjetà appellanta. Tirrileva li din il-pożizzjoni kienet waħda li kienet qegħda tittieħed dan l-aħħar f'xi sentenzi, u għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tiċċara l-pożizzjoni. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li mhux kull nuqqas ta' kontro-eżami kien ifisser li wieħed kien qed jaċċetta dak li ntqal mix-xhud. Tinsisti li l-pożizzjoni li kienet qegħda tittieħed, kienet qegħda twassal sabiex b'mod pedantiku, l-avukat li jħoss li m'għandux jagħmel kontro-eżami jkun kostrett sabiex jivverbalizza li n-nuqqas ma kellux jinftiehem li huwa kien qed jaqbel ma dak li kien qiegħed jgħid ix-xhud. Ammettiet li f'ċerti każijiet dan il-prinċipju kien applikabbli, iżda fil-każ odjern il-partijiet kienu qegħdin jgħidu l-oppost ta'

xulxin, u għalhekk ma setax jingħad li n-nuqqas ta' kontro-eżami tal-appellat kien ifisser li hija kienet aċċettat dak li qiegħed igħid. Tispjega li ma kienx sar kontro-eżami tiegħu għaliex dan tant kien tawwal il-proċeduri odjerni li saħansitra dawn tilfu l-kors tagħhom. Tgħid li hija kienet għalqet il-provi tagħha fit-tieni seduta tad-9 ta' Mejju, 2018, iżda l-appellat kien għalaq il-provi tiegħu fit-2 ta' Novembru, 2021, jiġifieri tliet snin wara, u anki ġie ppremjat tali fixkel. Filwaqt li għamlet riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Catherine Cali Vincenti noe *vs.* Stephen Cali** deċiża fit-2 ta' Marzu, 2018, is-soċjetà appellanta ssostni li fil-kawża odjerna saħansitra kien hemm dikjarazzjoni ta' ammissjoni inkontestata tal-appellat.

10. L-appellat min-naħa tiegħu jibda billi jinsisti li s-soċjetà appellanta ma kinitx ressqet l-aħjar prova, u jirrileva li minkejja li d-direttur tagħha kien ġie mitlub sabiex jesebixxi lista ta' pagamenti li huwa kien għamel lis-soċjetà appellanta, l-istess direttur ma kienx f'pożizzjoni li jippreżentaha. L-appellat qal li huwa però kien żamm kopja tal-irċevuti tal-ħlas, u għalhekk is-soċjetà appellanta kellha pożizzjoni diffiċli. Jgħid li l-ammont pretiż ma kienx wieħed ta' ftit Euro iżda wieħed ta' 'l fuq minn €13,000, u għalhekk is-soċjetà appellanta kellha d-dover li tressaq l-aħjar prova. Tikkontendi li l-ammont allegatament dovut huwa wieħed ivvintat mis-soċjetà appellanta, fejn saħansitra d-direttur tagħha waqt ix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Mejju, 2019 isostni li "mhux easy" li jikkonferma meta l-pagamenti ma sarux. Jgħid li mbagħad kellu jkun hu li jipproduċi r-rappreżentant tal-Bank of Valletta plc sabiex jesebixxi rendikonti ta' żewġ kontijiet bankarji ntestati f'isem is-soċjetà appellanta, u b'hekk juri li huwa kien filfatt onora l-pagamenti kollha u oltre. Jirrileva li s-soċjetà appellanta naqset milli tispjega kif hija kienet waslet għar-rata ta' imgħax ta' 4.18%, iżda

wkoll il-kalkoli tagħha ma kienux ċari u dettaljati. Jgħid saħansitra li rriżulta li huwa kien għamel ferm iktar ħlasijiet minn dawk li s-soċjetà appellanta qegħda tgħid li rċeviet. B'hekk l-ewwel Qorti kienet iddeċidiet fuq il-provi quddiemha u mhux fuq sempliċi possibilitajiet. Huwa hawnhekk jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qrati[2], u jagħlaq billi jiddikjara li dan l-ewwel aggravju huwa b'hekk infondat u għandu jiġi miċħud. Dwar dak li tgħid fuq il-perkors tal-kawża meta tispjega t-tieni aggravju tagħha s-soċjetà appellanta, l-appellat jissottometti li dan ma jiskużax il-fatt għaliex ma sarx il-kontro-eżami tiegħu. Jikkontendi li s-soċjetà appellanta hawnhekk qegħda tipprova tgħatti n-nuqqasijiet tagħha billi ddawwar subgħajha lejh, iżda tonqos milli tirrileva li kien hemm xi seduti li ma sarux minħabba l-miżuri li ttieħdu fir-rigward tal-pandemija tal-COVID 19, u għaliex ir-rappreżentant tal-bank kien intalab sabiex itella' dokumentazzjoni oħra. Isostni li l-fatt li ma sar l-ebda kontro-eżami tiegħu, kien ifisser li l-verżjoni tiegħu baqgħet mhux ikkontradetta, u għalhekk anki dan it-tieni aggravju m'għandux jintlaqa'.

11. L-ewwel Qorti kkunsidrat li r-rappreżentant tas-soċjetà appellanta kien esebixxa ftehim tal-10 ta' Lulju, 2004[3], li kien juri li l-appellat kien akkwista l-vettura in kwistjoni bil-prezz ta' Lm9,800 mingħand l-imsemmija soċjetà appellanta, u fejn il-prezz kellu jitħallas lura permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm100 u kontra mgħax ta' 8%. Osservat li ġie esebit ukoll mill-istess rappreżentant, rendikont tal-bilanċ dovut mingħand l-appellat u rendikont tal-pagamenti mmarkati bħala Dok. CB6.[4] Irrilevat li l-appellat imbagħad kien xehed

[2] **Joseph Vincent Rausi noe** *vs.* **Joseph Muscat**, 22.11.1995, u **Enrico Camilleri** *vs.* **Martis Borg**, 17.03.2003.
[3] *Ibid.*
[4] *A fol.* 24.

permezz tal-affidavit, iżda ma kien sarlu l-ebda kontro-eżami. L-istess appellat kien ipproduċa rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. sabiex tesebixxi rendikonti ta' żewġ kontijiet f'isem is-soċjetà appellanta, fejn wieħed minnhom kien jirreferi għall-appellat u kien juri l-pagamenti li dan kien għamel. Irrilevat ukoll li l-appellat kien esebixxa rendikont ieħor intestat f'isem is-soċjetà appellanta minn fejn kienu jidhru xi depożiti li għamel huwa stess. Żiedet tgħid li skont l-appellat, parti mill-prezz tħallas permezz ta' tpartit ta' vettura oħra li kienet ġiet stmata bil-prezz ta' Lm4,000, iżda li skont hu ma kienx qiegħed jittieħed in konsiderazzjoni mis-soċjetà appellanta. Minn hawnhekk l-ewwel Qorti għaddiet sabiex iddikjarat li skont il-ftehim esebit mir-rappreżentant tas-soċjetà appellanta, il-prezz tal-vettura flimkien mal-imgħaxijiet kellu jkun ta' Lm12,000 jew €27,952.44. Ikkunsidrat li l-istess soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li l-imgħaxijiet kienu ta' 4.18%, iżda l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda spjegazzjoni mingħandha ta' kif waslet għal din ir-rata. Qalet li madankollu kien ċert li fis-somma ta' Lm100 pagabbli kull xahar kien hemm ukoll inklużi mgħaxijiet kif miftehma bejn il-partijiet, u dan għaliex tgħid li l-prezz wara għaxar snin kien ser ikun Lm12,000 u mhux Lm9,800. L-ewwel Qorti kkunsidrat li l-appellat kien qed jikkontendi li huwa ħallas dan l-ammont u saħansitra iktar minn hekk. Ikkunsidrat ukoll li skont l-appellat, il-prezz tal-vettura l-oħra kellu jitnaqqas mill-prezz tal-vettura in kwistjoni, iżda qalet li dan kien biss skont il-kliem tiegħu, u huwa ma kien ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan. Iżda rrilevat ukoll li kien hemm diversi kwistjonijiet li hija ma setgħetx tifhem mill-verżjonijiet u mill-kalkoli tas-soċjetà appellanta, u hawnhekk għal darb'oħra taqbad il-kwistjoni tal-imgħaxijiet. Imbagħad l-ewwel Qorti

kkunsidrat id-dokument esebit bħala Dok. CB7[5] mir-rappreżentant tas-soċjetà appellanta, u qalet li dan kien jidher li kien ġie ffirmat mill-appellat iżda kien jidher ukoll li kien hemm il-kitba fuqu ta' persuna oħra. Irrilevat li l-ebda parti ma kienet offriet wisq spjegazzjoni dwar dan id-dokument, iżda li kien jirriżulta li f'Mejju 2009 skont dak id-dokument il-bilanċ kien ta' €15,360.59 u mhux ta' madwar elfejn Euro inqas. Iddikjarat li kien ikun ta' għajnuna konsiderevoli għaliha li kieku l-partijiet wettqu eżerċizzju flimkien sabiex b'hekk jiġu stabbiliti l-pagamenti kollha li saru mill-appellat, u dan għaliex ukoll skont id-dokumenti esebiti mill-Bank of Valletta p.l.c. kien jirriżulta li l-appellat kien għamel iktar ħlasijiet minn dawk li tnizzlu mis-soċjetà appellanta. L-ewwel Qorti għalhekk ġustament irrilevat li skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12, kien jispetta lill-attur li jressaq l-aħjar prova u li din tkun waħda konkreta fir-rigward tal-allegazzjonijiet tiegħu. Wara li għamlet riferiment għal diversi sentenzi tal-Qrati, l-ewwel Qorti korrettement stqarret li fil-kamp ċivili l-ġudikant huwa mistenni li jiddeċiedi fuq dawk il-provi li huwa jkollu quddiemu, u dan skont iċ-ċertezza morali u mhux fuq possibiltajiet biss. Qalet li iżda mbagħad jekk tonqos dik iċ-ċertezza morali, għandu jiġi applikat il-prinċipju *in dubio pro reo,* u b'hekk jinħeles il-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. Wara li għamlet riferiment għal diversi sentenzi oħra tal-Qrati, l-ewwel Qorti stqarret li hija kienet qegħda tikkunsidra li s-soċjetà appellanta kienet naqset milli tressaq dawk il-provi li setgħu jikkonvinċuha moralment li hija kienet kreditriċi tal-ammont pretiż. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti, filwaqt li tgħid li tassew is-soċjetà appellanta naqset milli tressaq provi ċari u konkreti li setgħu kkonvinċew moralment lill-ewwel Qorti sabiex tilqa' it-talbiet tagħha. Tirrileva li l-imsemmija

[5] *A fol.* 28.

soċjetà appellanta ma setgħetx tippretendi li tippreżenta l-provi tagħha mingħajr l-ebda ħsieb u attenzjoni għall-fatt li dawn għandhom jagħtu stampa ċara tat-talba tagħha, imbagħad ikun jispetta lill-Qorti li twettaq eżerċizzju li kellha tkun hi li tagħmlu, jiġifieri li tippreżenta informazzjoni ċara dwar il-ħlas pretiż mingħand l-appellat, u b'hekk tgħaddi sabiex tilqa' it-talba tagħha. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tiċħdu.

12. L-ewwel Qorti mbagħad għaddiet sabiex irrilevat li saħansitra lanqas kontro-eżami tal-appellat ma għamlet is-soċjetà appellanta. Ġustament qalet li dan iġib miegħu konsegwenzi ġuridiċi, u hawnhekk din il-Qorti tgħid li dak li qalet l-ewwel Qorti bl-ebda mod m'għandu jinftiehem li huwa fl-estrem li qegħda tpinġih is-soċjetà appellanta. Għaldaqstant ukoll it-tieni aggravju tagħha mhux mistħoqq u tiċħdu. L-ewwel Qorti għalhekk wara li għamlet diversi riferimenti għal dak li jgħidu awturi esteri dwar in-nuqqas ta' kontro-eżami ta' xhud, u kif il-prinċipji enunċjati minnhom huma mħaddna mill-Qrati tagħna, ġustament u korrettement iddikjarat li dan kollu ma kienx ifisser li x-xhieda tal-appellat għandha tittieħed bħala waħda inkonfutabbli. Qalet li kien ifisser merament li s-soċjetà appellanta m'għażlitx li tikkontradixxi dak li kien qal, u minn hawnhekk għaddiet sabiex tikkunsidra jekk fuq il-preponderanza tal-provi l-verżjoni li ta l-appellat kellhiex tittieħed bħala korretta. Għarfet li l-appellat kien qiegħed jeċċepixxi l-ħlas, iżda sabiex din l-eċċezzjoni tintlaqa' kien meħtieġ li l-prova tkun waħda ċara u inekwivoka. Wara li għamlet riferiment għal diversi sentenzi oħra tal-Qrati in sostenn tal-prinċipju enunċjat minnha, l-ewwel Qorti ddikjarat li hija ma kinitx qegħda tikkunsidra li l-appellat ressaq prova suffiċjenti sabiex isostni l-eċċezzjoni tiegħu ta' ħlas, u għalhekk din ma setgħetx tintlaqa'.

Hawnhekk ukoll il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti għaliex tonqos tassew dik il-prova ċara biżżejjed li moralment għandha tikkonvinċiha li l-appellat tassew onora l-obbligu tal-ħlas tiegħu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**